MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1236/2003

**Victor Zammit ezercenti l-kummerc**
**taht "Molton Autoparts"**

**Vs**

**George Incorvaja ezercenti l-kummerc**
**taht "J.G.S Furniture"**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm444.70c (erba' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu) rappresentanti materjal ta' spray li l-konvenut xtara minghand l-attur u baqa' ma hallasx.

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, u mill-24 t' Ottubru, 2001 sal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------